

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.9857 — Volvo/Daimler/JV)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 8/06)

1. Fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Daimler Truck AG ("Daimler", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Daimler,
- Aktiebolaget Volvo ("Volvo", l-Isvezja),
- Daimler Truck Fuel Cell GmbH (il-“JV”, il-Ġermanja), li bħalissa tappartjeni għall-grupp Daimler.

Volvo u Daimler jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi šhab tal-joint venture, JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġidida li tikkostitwixxi impriżha konġunta.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Volvo hija kumpanija multinazzjonali tal-manifattura bil-kwartieri ġenerali f'Gothenburg, l-Isvezja. Permezz tal-ishma tagħha f'kumpaniji tal-Volvo Group, Volvo hija attiva globalment fost affarrijiet oħra fil-manifattura u l-bejgħ ta' trakkijiet tat-triq u mhux fuq l-awtostrada, karozzi tal-linja, tagħmir tal-kostruzzjoni u magni tal-baħar, magni għal fuq l-awtostrada u magni industrijali,
- Daimler, bil-kwartieri ġenerali rreġistrati tagħha fi Stuttgart, il-Ġermanja, tmexxi unità tan-negozju fil-grupp Daimler, iffokata fuq il-manifattura u l-bejgħ ta' trakkijiet u karozzi tal-linja. Il-grupp Daimler globalment jiżviluppa, jiproduċċi u jiddistribwi xxi prodotti awtomobilistiċi, prinċipalment karozzi tal-passiġġeri, trakkijiet, vannijiet u karozzi tal-linja,
- Il-joint venture bħalissa hija sussidjarja 100 % tal-grupp Daimler, inkorporata fil-Ġermanja, li fiha Daimler se tikkonsolida l-aktivitajiet kontinwi tagħha taċ-ċelloli tal-fuel. Il-JV se tkun attiva fl-iżvilupp, il-produzzjoni, il-bejgħ u servizzi ta' wara l-bejgħ ta' sistemi taċ-ċelloli tal-fuel. L-applikazzjoni primarja tat-teknoloġija taċ-ċelloli tal-fuel se tkun għat-trakkijiet heavy-duty.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi spesifikata:

M.9857 — Volvo/Daimler/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (“ir-Regolament dwar l-Għaqdiet”).

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË
